MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 200/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Nadine Genova abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Nadine Genova (ID 481276M)**

**Vs**

**Attard Emanuel**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm317 (tlett mija u sbatax-il Lira Maltin) rapprezentanti danni kkawzati f'incident stradali li sehh gewwa l-Imsida nhar is-27 ta' Lulju 2004.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ tliet mija u sbatax-il Lira Maltin (Lm317) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Nadine Genova assigurata tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ mitejn u tnejn u disghin Lira Maltin (Lm292), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) l-istess Nadine Genova in linea ta’ excess payment, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-27 ta’ Lulju 2004 gewwa Msida, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attrici Nadine Genova, bin-numru ta’ registrazzjoni AAB 039 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni GBC 737, liema incident sehh unikament bahal rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza ter-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali li qed tinbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort ta’ Nadine Genova, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni in dezamina okkorriet fil-vicinanzi ta’ zebra crossing ftit il-fuq mill-ghassa tal-Pulizija Msida.

Illi l-versjoni mghotija mill-konvenut hija ferm interessanti. Huwa laqat il-vettura attrici meta hi hadet azzjoni evasiva biex ma tidholx fil-vettura ta' quddiemha li waqfet ghax kienet qed taqsam persuna anzjana.

Da parti taghha l-attrici xehdet li hekk kif avvicinat il-lok, xeghlet l-indicator u qasmet fuq il-lemin. Waqt li kienet wieqfa, giet il-konvenut u dahal go fiha minn wara. Din il-versjoni hi anke konfermata mill-passigier Josanne Azzopardi (Fol 27 tal-process).

Illi z-zewg versjonijiet huma ferm plawzibbli. Pero` tenut kont li l-konvenut kien fuq il-parti ta' wara, kellu vizwali ottimi kieku li kien qed izomm "a proper look-out" u distanza ragjonevoli minn ta' quddiemu biex ikun jista' jevitaha u jikkonrolla kull eventwalita`. Il-konvenut ma kellux ghalfejn jinhasad. Kien qed javvicina zebra cossing fejn vetturi jieqfu biex jaghtu precidenza lill persuni biex jaqsmu t-triq. L-atturi ppruvaw il-kaz taghhom fuq bilanc ta' probabilitajiet kif trid il-ligi.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jichad il-eccezzjoni konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u sbatax-il lira (Lm317) u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------